

# Il-Fratellanza tar-Ruzarju fil-Bazilika ta' Marija Bambina fix-Xaghra - Ghawdex



Għażilt waħda mill-ħafna Fratellanzi tal-Madonna tar-Rużarju li għandna fil-gżejjer Maltin biex nikteb dwarha f'dan l-artiklu tiegħi ta' din is-sena. Din hija l-Fratellanza li hija mwaqqfa fil-Bażilika ta' Marija Bambina tax-Xagħra Għawdex.

Il-Fratellanza twaqqfet nhar it-18 ta' April 1690 eżatt mat-twaqqif tal-Parroċċa tax-Xagħra li dak iż-żmien kienet għada fil-Knisja ta' Sant' Anton Abbati, ftit taż-żmien biss wara li kienet twaqqfet il-Fratellanza tas-SSMU. Sagrament.

il-Fratellanza kellha l-altar tagħha li fuqu kien hemm kwadru li kien għamel l-artist magħruf Rokku Buhagiar. Kien il-Kappillan Dun Vincenzo Cauchi li għex bejn is-sena 1760 u s-sena 1814 li kien ikkummissjona lil dan l-artist biex jagħmel dan il-kwadru tar-Rużarju.

Madwar dan il-kwadru aktar tard imbagħad kienu saru kwadretti żgħar li kienu juru "Il-Ħmistax -il Misteru tar-Rużarju" xogħol ta' l-artist Francesco Zahra lejn is-sena 1768. Dawn il-kwadretti kienu tneħħew maż-żmien u fil-preżent qegħdin fl-Awla Kapitulari tal-Bażilika.

Nafu wkoll li eżatt malli tlestiet il-Knisja l-ġdida ddedikata lit-Twelid tal-Madonna l-Majjistru Ġenerali ta' l-Ordni Dumnikan Fr Antonio Cloche kien ta l-kunsens tiegħu biex din il-Fratellanza tar-Rużarju tiġi ttrasferita fl-imsemmija Knisja Parrokkjali. Xhieda ta' dan huwa d-Digriet maħruġ mill-Kunvent ta' Santa Marija Sopra Minerva ta' nhar il-25 ta' Novembru 1717.

Il-Fratellanza tissemma fir-rapport tal-Vista Pastorali li kienet saret fil-Parroċċa tax-Xagħra mill-Isqof ta' dak iż-żmien fis-sena 1744.

Fis-sena 1861 il-Kappellun fejn hemm l-altar tal-Fratellanza tar-Rużarju fil-Bażilika, ġie mżejjen b'żewġ kwadri oħra sbieħ li juru żewġ episodji importanti mill-ħajja tal-Madonna. L-Annunzjazzjoni u l-Inkurunazzjoni.

Dawn kienu saru mill-artist Antonio Falzon bil-ħidma tal-Kappillan Dun Francesco Buttigieg, l-istess Kappillan li kien ordna l-ewwel Statwa tal-Madonna tar-Rużarju fl-1849 mingħand l-iskultur Xandru Farrugia. Din hija xogħol fl-injam u llum ma' għadhiex tintuża għall-Purċissjoni.

Kif qegħdin taraw minn dan it-tagħrif, din il-Fratellanza dejjem fittxet li jkollha l-aqwa artisti biex jagħmlu l-opri li bihom kienet qegħda tagħti lil Madonna bit-Titlu tar-Rużarju. Dawn huwa wkoll xhieda ta' kemm kienet u għada qawwija d-Devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju f'dan ir-raħal.

Maż-żmien kienet inħasset il-ħtieġa li tiġi mibdula l-istatwa li kienet tintuża fil-Purċissjoni, għaldaqstant kienet ġiet ordnata Statwa tal-Kartapesta minn għand id-Ditta "La Ramat" ta' Marsilja fi Franza.



Dan il-fatt seħħ meta fil-gżira ta' Għawdex bdew jaslu għadd ta' statwi titulari li kienu qegħdin jiġu ordnati minn Ditta oħra Franċiża "Gallard Et Fils". Waslet f'Għawdex fis-sena 1903.



Din l-istatwa hija waħda kbira u fiha naraw il-figura tal-Madonna merfugħa 'l fuq bil-Bandin f'idejHa fil-waqt li qegħda tagħti l-Kuruna tar-Rużarju lill-San Duminku li narawh għarkuptejh iħares b'devozzjoni lejn il-Madonna. Fuq in-naħa l-oħra anġlu bil-ġwienah merfugħin 'l fuq qiegħed iżomm flimkien mal-Bambin il-Kuruna tar-Rużarju. filwaqt li f'idu l-oħra għandu xabla li biha qiegħed jisħaqras dragun li hawn qiegħed jirrappreżenta d-dnub u t-tagħlim qarrieq. Taħt l-istatwa pedestall kbir mżejjen bi skultura u ndurat.

Il-Fratellanza tar-Rużarju fil-Bażilika tax-Xagħra hija waħda li tiħu sehem fil-purċissjonijiet li jsiru matul is-sena, filwaqt li tieħu ħsieb biex flimkien mal-Kapitlu tal-Bażilika torganizza b'mod sollenni l-Festa tal-Madonna tar-Rużarju fix-xahar ta' Ottubru.

**Mario Fenech**


Viku Ironmonger



ST JOSEPH IRONMONGERY & CARPENTERS 47, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq ZTN 13

**IRONMONGERY**
PAINTS, POWER TOOLS, ELECTRICAL & WATER FITTINGS, GEYZERS, RUŻUNI, HOUSEHOLDS, U KULL MA' GĦANDEK BŻONN

**FRAME MAKER** - SELEZZJONI VASTA TA' FRAMES

**CARPENTER**
NAĦDMU GĦAMRA GĦALL-KĊEJJEN U KMAMAR TAS-SODDA BI STIL U NJAM GĦAL KULL GOSTI - GĦAŻLA TA' APERTURI GĦAL BARRA KIF UKOLL GĦAL ĠEWWA U KULL MA GĦANDEK BŻONN

Murison
Over 10,000 Colours Available In Stock

**Phone Shop: 2189 8058**
**Phone Workshop: 2167 6370**

Issibu wkoll:
- Pajpijiet ta' l-ilma • 'Sealer' għall-faċċati • Cement, ramel mgħarbul, ġir u ġibs
- Kolla għall-madum • Fittings ta' l-elettriku • Water heaters • Għodda ta' l-idejn u 'power tools' • Kumpessuri ta' l-arja • Knobs u handles • Varjetà ta' contact paper
- Railing għall-purtieri • Għamara tal-plastic għall-barra • Barbeque sets u picnic coolers
- Għażla ta' ħbula u ktajjen • Qtugħ ta' ħġieġ • Household goods
- Portable radios u video cassettes • Sistemi għall-ixkaffar
- Key cuts normali, high security u għall-karozzi
- Varjetà ta' dekorazzjoni għal żmien il-Milied





**Fax: 2189 8058**